# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 28 ta' Frar, 2018**

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 1158/16JRM**

**LIQUIGAS MALTA LIMITED**

vs

**IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA** u l-Prim Ministru, bħala Ministru responsabbli għall-Enerġija

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-21 ta' Diċembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li l-Avviż Legali 235 tal-2016 li jemenda r-Regolamenti tal-2008 dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt[1] (aktar 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti") huwa null, invalidu u jew mingħajr effett billi jikser il-Kostituzzjoni u jew jikkostitwixxi egħmil amministrattiv li huwa ultra vires, irraġonevoli u mhux proporzjonali, dan kemm bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 u kif ukoll għat-tenur tar-regoli tad-dritt amministrattiv li ma humiex kodifikati permezz tal-

[1] Avviż. Legali 249 tal-2008 (L.S. 545.20)

artikolu 469A tal-Kap. 12 u li japplikaw fir-rigward ta' liġijiet sussidjarji; (b) issib li b'riżultat tal-ħruġ ta' dan l-Avviż Legali, il-kumpannija attriċi qegħda ssofri danni; (ċ) issib li l-imħarrkin huma responsabbli għad-danni mġarrbin minnha; (d) tillikwida d-danni mġarrba; u (e) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħiħ il-jedd għal kull azzjoni oħra spettanti lilha fil-liġi;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Diċembru, 2016[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-19 ta' Jannar, 2017, li biha r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (a) mhuwiex il-kontradittur leġittimu, safejn l-azzjoni attriċi qiegħda titlob it-tħassir tal-Avviż Legali, għaliex l-għemil ta' regolamenti taħt l-Att[3] huwa dmir tal-Ministru u mhux tiegħu, għalkemm ikun sar b'konsultazzjoni miegħu; (b) in-nuqqas ta' setgħa li l-Qorti tisma' l-kawża, safejn l-azzjoni attriċi qiegħda titlob it-tħassir ta' liġi u/jew id-dikjarazzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, liema kwestjonijiet jaqgħu fis-setgħat kostituzzjonali tagħha; (ċ) l-egħmil ta' regolamenti ma jaqax fid-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A(1) u (2) tal-Kap. 12; (d) l-azzjoni hija rritwali billi l-Kostituzzjoni tipprovdi r-rimedju għal kontestazzjoni tal-validita' tal-liġijiet, inkluż leġislazzjoni sussidjarja; (e) kemm-il darba l-Qorti jidhrilha li r-regolamenti kontestati jikkostitwixxu għemil amministrattiv, l-azzjoni hija rritwali billi kwalunkwe appell minn għemil amministrattiv meħud taħt il-liġi prinċipali u leġislazzjoni sussidjarja, jista' jsir biss skond ma jipprovdi l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u fit-termini perentorji hemm provduti; (f) l-azzjoni hija waħda irritwali kemm-il darba hija msejsa fuq xi "regoli tad-dritt amministrattiv li ma humiex kodifikati" billi l-liġi tipprovdi ċar il-jedd ta' azzjoni għall-kontestazzjoni ta' għemil amministrattiv kemm taħt il-Kap. 545 kif ukoll taħt il-liġi ġenerali. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-azzjoni hija legalment infondata, u jiċħad li huwa mexa b'xi mod lil hinn mil-liġi, jew b'mod irraġonevoli jew mhux proporzjonat, għal għanijiet mhux xierqa, fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti jew b'mod ieħor kontra l-liġi. Għalhekk, jgħid li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-24 ta' Jannar, 2017, li biha l-imħarrek Prim Ministru laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal, b'mod preliminari, li (a) l-azzjoni hija rritwali billi l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi l-mod kif wieħed jista' jikkontesta s-siwi ta' liġi, kemm jekk ewlenija u kif ukoll sussidjarja; (b) safejn

---

[2] Paġ 20 – 1 tal-proċess
[3] L-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma (Att XXV tal-2015, Kap 545)

maħsuba biex timpunja att leġislattiv, l-azzjoni attriċi ma tistax titressaq bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju billi tali azzjoni tista' ssir biss skond l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, liema azzjoni għandha titressaq quddiem il-Qorti kompetenti u mhux quddiem din il-Qorti; (ċ) l-artikolu 469A tal-Kap. 12 ma jgħoddx billi l-aġir li minnu tilminta l-kumpannija attriċi mhux "egħmil amministrattiv"; (d) l-azzjoni attriċi ma tiswiex ukoll minħabba li wkoll kieku kellu jgħodd l-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-azzjoni ma tistax issir fejn ikun hemm rimedju ieħor taħt xi liġi oħra li tagħti rimedju għall-ilment tal-attriċi; (e) ir-rikors maħluf huwa null billi l-azzjoni tħallat talbiet taħt il-liġi ordinarja ma' talbiet dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kap. 319 u l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, u in kwantu huwa azzjoni dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa null billi ma jħarisx ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati; (f) safejn l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12, dak l-artikolu mhux applikabbli fi kwestjonijiet dwar ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, u f'kull każ ieħor, l-istess talbiet huma irritwali billi mhumiex konformi mar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati; u (ġ) l-azzjoni hija rritwali billi qed issir abbazi ta' regoli amministrattivi li mhumiex kodifikati billi l-liġi tipprovdi l-jedd ta' azzjoni li tista' tiġi ntavolata kemm taħt il-Kap. 545 kif ukoll taħt il-liġi ġenerali. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa ma għamel xejn li għalih jista' jkun mistħarreġ minn din il-Qorti, u jiċħad li ġab ruħu lil hinn mil-liġi, jew għal għanijiet mhux xierqa, jew li ħa konsiderazzjonijiet mhux relevanti, jew kontra l-liġi. Jiċħad ukoll kull talba għal dikjarazzjoni u ħlas ta' danni;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2017[4], kif aktar tard emendat[5], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, li ssir it-trattazzjoni tat-tielet sas-sitt eċċezzjonijiet preliminari tar-Regolatur imħarrek, kif ukoll tal-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari u s-seba' eċċezzjoni preliminari tal-Prim Ministru mħarrek u li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Prim Ministru tal-20 ta' April, 2017[6] u tas-7 ta' Settembru, 2017[7];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Regolatur tal-24 ta' April, 2017[8];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-28 ta' Ġunju, 2017[9], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

[4] Paġ. 37 tal-proċess
[5] Paġ. 63 tal-proċess
[6] Paġġ. 38 sa 43 tal-proċess
[7] Paġġ. 64 – 6 tal-proċess
[8] Paġġ. 44 – 9 tal-proċess
[9] Paġ. 55 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2017[10], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Liquigas"), li hija operatriċi fil-qasam tal-bejgħ ta' gass LPG (*liquid petroleum gas*) f'Malta u hija provditur awtorizzat mir-Regolatur imħarrek biex tbiegħ u tqassam il-gass bl-ingrossa u bl-imnut, qiegħda titlob l-istħarriġ ta' Avviż Legali[11] li bis-saħħa tiegħu l-liġi tirregola l-ħlas ta' rifużjoni ta' depożitu li jkun ħallas klijent aħħari meta, f'kull żmien wara d-29 ta' April, 2016, irodd definittivament lura ċilindru tal-gass lill-provditur. Liquigas tilmenta mid-dħul fis-seħħ b'effett retrospettiv tal-imsemmija bidliet fir-Regolament u tgħid li l-bdil jolqotha ħażin u żżid li l-emenda li ġiet introdotta permezz tal-Avviż Legali attakkat ma ħaditx qies ta' fatti storiċi wara l-proċess ta' privatiżżazzjoni ta' dan is-suq u l-obbligi li Liquigas assumiet f'dak il-proċess. Tgħid ukoll li saħansitra dawn, bis-saħħa tal-imsemmi Avviż Legali, se tmur minn fuq kumpannija kompetitriċi fis-suq Malti li ilha żmien twil taħżen ċilindri ta' Liquigas, u li b'riżultat ta' din l-emenda ser tagħmel qligħ, filwaqt li Liquigas ser ġġarrab danni. Trid li l-Qorti ssib li d-dħul ta' din il-bidla fil-liġi huwa abbużiv bi ksur kemm ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 kif ukoll tar-regoli ta' dritt amministrattiv li ma humiex kodifikati u li japplikaw fir-rigward ta' liġijiet sussidjarji. Liquigas trid ukoll li l-imħarrkin, jew min minnhom, jinżammu responsabbli għad-danni li qiegħda ġġarrab minħabba dawn il-bidliet;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari kif ukoll fil-mertu. Min-naħa tar-Regolatur imħarrek, huwa laqa' billi eċċepixxa (a) li mhuwiex il-kontradittur leġittimu, safejn l-azzjoni attriċi qiegħda titlob it-tħassir tal-Avviż Legali, għaliex l-għemil ta' regolamenti taħt l-Att[12] huwa dmir tal-Ministru u mhux tiegħu, għalkemm ikun sar b'konsultazzjoni miegħu; (b) in-nuqqas ta' setgħa li l-Qorti tisma' l-kawża, safejn l-azzjoni attriċi qiegħda titlob it-tħassir ta' liġi u/jew id-dikjarazzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, liema kwestjonijiet jaqgħu fis-setgħat kostituzzjonali tagħha; (ċ) li l-egħmil ta' regolamenti ma jaqax fid-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A(1) u (2) tal-Kap. 12;

[10] Paġ. 69 tal-proċess
[11] A.L. 235 tal-24 ta' Ġunju, 2016 (pubblikat fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern ta' dakinhar)
[12] L-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma (Att XXV tal-2015, Kap 545)

(d) li l-azzjoni hija rritwali billi l-Kostituzzjoni tipprovdi r-rimedju għal kontestazzjoni tal-validita' tal-liġijiet, inkluż leġislazzjoni sussidjarja; (e) li kemm-il darba l-Qorti jidhrilha li r-regolamenti kontestati jikkostitwixxu għemil amministrattiv, l-azzjoni hija rritwali billi kwalunkwe appell minn għemil amministrattiv meħud taħt il-liġi prinċipali u leġislazzjoni sussidjarja, jista' jsir biss skond ma jipprovdi l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u fit-termini perentorji hemm provduti; (f) li l-azzjoni hija waħda irritwali kemm-il darba hija msejsa fuq xi "regoli tad-dritt amministrattiv li ma humiex kodifikati" billi l-liġi tipprovdi ċar il-jedd ta' azzjoni għall-kontestazzjoni ta' għemil amministrattiv kemm taħt il-Kap. 545 kif ukoll taħt il-liġi ġenerali;

Illi din is-sentenza sejra tqis it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrek Regolatur;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Prim Ministru laqa' b'eċċezzjonijiet preliminari (a) li l-azzjoni hija rritwali billi l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi l-mod kif wieħed jista' jikkontesta s-siwi ta' liġi, kemm jekk ewlenija u kif ukoll sussidjarja; (b) safejn maħsuba biex timpunja att leġislattiv, l-azzjoni attriċi ma tistax titressaq bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju billi tali azzjoni tista' ssir biss skond l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, liema azzjoni għandha titressaq quddiem il-Qorti kompetenti u mhux quddiem din il-Qorti; (ċ) l-artikolu 469A tal-Kap. 12 ma jgħoddx billi l-aġir li minnu tilminta l-kumpannija attriċi mhux "egħmil amministrattiv"; (d) l-azzjoni attriċi ma tiswiex ukoll minħabba li wkoll kieku kellu jgħodd l-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-azzjoni ma tistax issir fejn ikun hemm rimedju ieħor taħt xi liġi oħra li tagħti rimedju għall-ilment tal-attriċi; (e) ir-rikors maħluf huwa null billi l-azzjoni tħallat talbiet taħt il-liġi ordinarja ma' talbiet dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali taħt il-Kap. 319 u l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, u in kwantu huwa azzjoni dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa null billi ma jħarisx ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati; (f) safejn l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12, dak l-artikolu mhux applikabbli fi kwestjonijiet dwar ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, u f'kull każ ieħor, l-istess talbiet huma irritwali billi mhumiex konformi mar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura fil-Qrati; u (ġ) l-azzjoni hija rritwali billi qed issir abbazi ta' regoli amministrattivi li mhumiex kodifikati billi l-liġi tipprovdi l-jedd ta' azzjoni li tista' tiġi ntavolata kemm taħt il-Kap. 545 kif ukoll taħt il-liġi ġenerali;

Illi din is-sentenza sejra tqis l-ewwel erba' u s-seba' eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> illi sa issa joħorġu minn din il-kawża, jirriżulta li Liquigas topera fil-qasam tal-bejgħ ta' gass LPG f'Malta u hija provditur awtorizżat mir-Regolatur imħarrek biex tbiegħ u tqassam il-gass f'ċilindri bl-

ingrossa u bl-imnut. Hija tħaddem proċedura (magħrufa bħala "*deposit scheme*") ta' ħruġ ta' riċevuti għal depożiti li jkunu saru minn klijenti fuq ċilindri tal-gass li jistgħu jinġarru bħala garanzija għat-treġġigħ lura tagħhom, kif ukoll għar-rifużjoni tad-depożiti mħollija għall-finijiet ta' restituzzjoni. Din il-proċedura ġiet dikjarata li ma toħnoqx il-kompetizzjoni[13];

Illi permezz ta' żewġ Avviżi Legali maħruġin fl-2016, saru bidliet fir-Regolamenti li jolqtu l-ħlas lura tad-depożitu fuq ċilindru tal-gass meta l-klijent aħħari jkun irid irodd lura ċilindru tal-gass bla ma jrid jixtri ieħor minfloku. Permezz tal-Avviż Legali 134 tal-2016[14], id-depożitu bħala garanzija għar-radd lura ta' ċilindru li jista' jinġarr ta' kapaċita' ta' tnax-il (12) kilogramma għandu jkun ta' ħmistax-il ewro (€ 15) u r-rifużjoni ta' dak id-depożitu, meta l-konsumatur ma jkunx fil-pussess ta' irċevuta li turi dan l-ammont, għandu jkun ta' ħmistax-il ewro (€ 15). F'każ li l-klijent aħħari jkollu f'idejh irċevuta li turi ammont ogħla, huwa ntitolat għal rifużjoni tal-ammont hemm indikat. Permezz tal-Avviż Legali 235 tal-2016, din l-aħħar emenda ġiet tapplika għal ċilindri li jitreġġgħu lura għall-finijiet ta' restituzzjoni wara d-29 ta' April, 2016, irrispettivament mid-data qabel jew wara id-29 ta' April, 2016, meta ċ-ċilindru li jista' jinġarr kien ġie kkonsenjat lill-klijent aħħari;

Illi l-azzjoni ta' Liquigas tolqot biss is-siwi tal-Avviż Legali 235 tal-2016;

Illi Liquigas fetħet din il-kawża fil-21 ta' Diċembru, 2016;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-eċċezzjonijiet</u> taħt eżami, xieraq jingħad li Liquigas tgħid li din l-emenda ma qieset xejn iċ-ċirkostanzi ekonomiċi u storiċi li fuqhom din il-proċedura, u għaldaqstant l-ammont li kien jitħallas bħala depożitu, kienet imfassla. Hija tilmenta mill-effett negattiv li l-bidliet ser iħallu fuq in-negozju tagħha u l-fatt li l-emenda ngħatat effett retroattiv, ser tiffavorixxi lill-kumpannija kompetitriċi tagħha li ilha żmien abbużivament taħżen ċilindri ta' Liquigas jew tużahom għan-negozju tagħha;

L-imħarrkin ma jaraw li għamlu xejn li bih l-imġiba tagħhom tista' titqies lil hinn mil-liġi jew li jistħoqqilha ċ-ċensura tal-Qorti, u wisq anqas li l-Avviż Legali jmissu jitħassar;

Illi l-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet ta' bixra legali dwar il-każ billi, qabel xejn, tistħarreġ l-**ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** mressqa mill-Prim Ministru mħarrek u i**r-raba' eċċezzjoni preliminari** mqajma mir-Regolatur imħarrek. Iż-żewġ eċċezzjonijiet iridu l-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi

[13] Ara paġġ. 9 – 11 tal-proċess
[14] A.L. 134 tad-29 ta' April, 2016 (pubblikat fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern ta' dakinhar)

ma tiswiex għaliex il-kontestazzjoni tas-siwi ta' liġijiet, magħduda liġijiet sussidjarji, hija stabbilita mill-Kostituzzjoni u ma ssirx b'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv;

Illi jidher li l-imħarrkin jibnu din l-eċċezzjoni fuq dak li jgħid l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jagħti s-setgħa lil kull persuna li tħossha aggravata b'liġi li, f'kull żmien u bla ma għandha għalfejn turi interess, titlob dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' dik il-liġi għal kull raġuni li tkun minbarra inkonsistenza mad-dispożizzjonjiet tal-Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni. Il-Qrati tagħna jsejħu din l-azzjoni bħala '*actio popularis*';

Illi l-kelma "*liġi*" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ngħatat tifsira wiesa' mill-Qrati tagħna li tinkludi wkoll leġislazzjoni sussidjarja b'dan li liġi sussidjarja tista' tkun kontestata wkoll a bazi ta' dan il-provvediment. Meħuda flimkien mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Kap. 249[15], liġi sussidjarja tinkludi "*... l-għoti jew il-ħrug ta' xi ordni, warrant, skema, regoli, regolamenti, bye-laws jew dokument ieħor.*"[16];

Illi f'din il-kawża, dak li tikkontesta Liquigas huwa jekk Qorti, rinfaċċata b'azzjoni mibnija fuq l-artikolu 469A, tistax tistħarreġ aġir ta' Ministru meta daħħal fis-seħħ liġi sussidjarja. L-argument imressaq minn Liquigas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[17] huwa li l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ma jeskludix l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' liġi sussidjarja, u tgħid li, għall-kuntrarju, min jixtieq jattakka is-siwi ta' liġi sussidjarja li taffetwah direttament jista' jagħmel użu mill-azzjoni għall-stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv sakemm din ma tkun azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12[18];

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' Liquigas u ma tistax tqis li, b'xi mod, liġi sussidjarja tissarraf f'egħmil amministrattiv bl-ebda tiġbid tat-tifsira li tista' tingħata lil dawk il-kliem. Din il-Qorti tqis dan il-punt ġie mistħarreġ mill-Qrati tagħna[19] u t-tifsira mogħtija tidher li hija waħda msejsa fuq l-apprezzament xieraq tad-distinzjoni bejn dak li jikkostitwixxi att amministrattiv u dak li jikkostitwixxi att leġislattiv. Huwa għalhekk miżmum li: "*Meta l-leġislatur, bl-emendi introdotti fl-Artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz ta' l-Att VIII ta' l-1981 ipprova jirrestrinġi u jillimita l-istħarriġ ġudizzjarju ta' l-egħmil amministrattiv, kien evidenti li dawn l-emendi ma kienu b'ebda mod jolqtu jew jirreferu għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-validita` ta' liġijiet, sia jekk*

[15] Att dwar l-Interpretazzjoni, Art. 8
[16] P.A. AE **17.6.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Falcon Investments Limited vs. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar et,*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-**27.10.2017)**
[17] Paġ. 56 tal-proċess
[18] Ara P.A. AF **15.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Global Capital Fund Advisors Ltd vs Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta et*** (*in parte*)
[19] Ara, b'eżempju, P.A. MCH **29.3.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Fish & Fish Co Ltd vs Onor. Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima et*** (appellata)

*prinċipali u sia jekk sussidjarji. Mod ieħor, kien ikun ifisser li dawk l-emendi kienu jokkozzaw mal-imsemmi Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, anke meta dawn l-emendi ġew abrogati fl-1995 u minflokhom daħal l-Artikolu 469A, kien evidenti li dana l-artikolu ma kien b'ebda mod intiż biex imiss jew xort'oħra jirregola il-"judicial review" ta' liġijiet – stħarrig ġudizzjarju li baqa' bla mittiefes proprju in virtu` tal-garanzija kontenuta fl-Artikolu 116*"[20];

Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-argumenti mressqa minn Liquigas mhumiex mistħoqqa u tqis li l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrek Prim Ministru u r-raba' eċċezzjoni preliminari mressqa mir-Regolatur imħarrek huma tajbin u sejrin jintlaqgħu, u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex safejn imressqa bħala waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tielet eċċezzjoni preliminari** ta' kull wieħed mill-imħarrkin, din il-Qorti diġa' kellha l-okkażjoni tqis li liġi sussidjarja (ukoll jekk din tkun maħruġa minn Ministru taħt is-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi ewlenija u sewwasew għaliex hija delega ta' attivita' leġislattiva) ma ssirx għemil amministrattiv imma tibqa' għemil leġislattiv, ukoll jekk tkun '*delegated legislation*';

Illi għal dak li jirrigwarda r-**raba' u s-seba' eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek Prim Ministru u l-**ħames eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Regolatur, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tistħarriġhom. Dan jingħad għaliex dawn l-eċċezzjonijiet preliminari huma sussidjarji għal dikjarazzjoni li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv saret sewwa minn Liquigas. Ladarba din il-Qorti, aktar qabel, sabet li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv saret ħażin, ma jifdal l-ebda siwi li wieħed jistħarreġ jekk Liquigas kellhiex rimedju taħt liġi oħra li bih tista' tikseb rimedju għall-ilmenti tagħha;

Illi jifdal li l-Qorti tqis is-**sitt eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Regolatur. Liquigas tgħid li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha ssib li l-azzjoni tagħha ma tistax trieġi taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12, xorta waħda hija mexxiet għal talba lil din il-Qorti għal stħarriġ minnha "għat-tenur tar-regoli tad-dritt amministrattiv li ma humiex kodifikati permezz tal-artikolu 469A". Tgħid li dan hija ħasbet għalih fit-tieni fergħa tal-ewwel talba attriċi u għalhekk l-azzjoni tagħha saret sewwa mqar taħt din il-kawżali;

Illi l-Qorti ssib li dan l-argument ta' Liquigas xorta waħda ma jseħħlux ixejjen din l-eċċezzjoni preliminari. Għar-raġunijiet li ssemmew meta l-Qorti kienet

[20] App Ċiv. **8.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Il-Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et***.

qiegħed tqis l-ewwel eċċezzjonijiet preliminari, issib li azzjoni mibnija fuq il-parametri li taħthom ressqitha Liquigas ma jkunux ritwali lanqas, ladarba l-qofol kollu tal-azzjoni attriċi tibqa' l-Avviż Legali u n-nuqqas ta' siwi tiegħu u mhux l-għemil amministrattiv tal-imħarrkin;

Illi għalhekk ukoll, din l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek Prim Ministru u **t-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari** tar-Regolatur imħarrek u ssib li l-azzjoni attriċi saret ħażin u hija irritwali;

**Tasjeni** milli tqis **ir-raba' u s-seba' eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek Prim Ministru u **l-ħames eċċezzjoni preliminari** tar-Regolatur imħarrek;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**28 ta' Frar, 2018**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**28 ta' Frar, 2018**